

Brussell, 14 ta' Marzu 2025
(OR. en)

6934/25

ENV 140
CLIMA 64
COMPET 141
IND 69
FIN 287
ENER 67

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	6515/25
Suġġett:	Id-dimensjoni ambjentali tal-Patt għal Industrija Nadifa – Skambju ta' fehmiel

1. Biex tiggwida l-iskambju ta' fehmiel dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq fil-laqgħa tal-Kunsill (Ambjent) tas-27 ta' Marzu 2025, il-Presidenza ħejjiet in-nota u l-mistoqsijiet meħmuża għall-Ministri.
2. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jieħu nota tan-nota u l-mistoqsijiet tal-Presidenza u jgħaddihom lill-Kunsill għall-iskambju ta' fehmiel.

Id-dimensjoni ambjentali tal-Patt għal Industrija Nadifa**- Skambju ta' fehmiet -****Introduzzjoni**

Il-Kunsill Ewropew, fil-konklużjonijiet tiegħu ta' April 2024¹, appella għal patt ġdid dwar il-kompetittività Ewropea. Dan l-appell għe mtenni fid-Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea, adottata mill-mexxejja tal-UE f'Novembru 2024. F'konformità mal-Linji Gwida Politiċi 2024-2029 u ispirata mis-sejbiet tar-rapporti minn Enrico Letta u Mario Draghi, fid-29 ta' Jannar 2025 il-Kummissjoni Ewropea ppubblikat il-Komunikazzjoni tagħha "Boxxla għall-Kompetittività tal-Ewropa"². Id-dokument jiddeskrivi firxa ta' inizjattivi mmirati biex inaqqsu d-diskrepanza fl-innovazzjoni, jibnu pjan direzzjonali konġunt għad-dekarbonizzazzjoni u l-kompetittività, u jnaqqsu d-dipendenzi eċċessivi u jżidu l-indipendenza enerġetika u s-sigurtà ekonomika.

Il-komunikazzjoni "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni" (CID)³, ippubblikat mill-Kummissjoni fis-26 ta' Frar 2025, huwa wieħed mill-inizjattivi ewlenin elenkati fil-Boxxla għall-Kompetittività. Is-CID għandu l-għan li jippożizzjona lill-UE bħala ċentru kompetittiv u attraenti għall-manifattura billi jippromwovi teknoloġiji nodfa u mudelli ta' negozju ċirkolari.

Pjan konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni

F'din l-era ta' tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu, tkabbir ekonomiku kajman u kompetizzjoni teknoloġika, jeħtieġ li l-UE tippreżenta b'mod urġenti lill-industrija tagħha b'argument kummerċjali sod għall-investimenti fid-dekarbonizzazzjoni u tindirizza l-isfidi tas-settur tat-teknoloġija nadifa u tal-industriji intensivi fl-enerġija. L-għan tal-UE li ssir ekonomija newtrali għall-klima sal-2050 jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn qafas prevedibbli għall-industriji li jiżgura l-kompetittività tagħhom u jsaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika.

¹ EUCO 12/24.

² Dok. 5785/25.

³ Dok. 6515/25.

Is-CID jiddeskrivi azzjonijiet biex id-dekarbonizzazzjoni tinbidel f'mutur tat-tkabbir għall-industriji Ewropej billi jiżgura l-integrazzjoni solida tagħha mal-politika industrijali, tal-kompetizzjoni, ekonomika u kummerċjali. Biex jinbena argument għall-vijabbiltà, ġew identifikati sitt muturi li jikkonċernaw l-enerġija affordabbli, is-swieq ewlenin, il-finanzzjament, iċ-ċirkolarità u l-aċċess għall-materja, is-swieq globali, u s-sħubijiet internazzjonali u l-ħiliet.

Rigward l-aċċess għal **enerġija affordabbli** u filwaqt li jibni fuq il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Enerġija Affordabbli⁴, is-CID jenfasizza, fost l-oħrajn, l-importanza tal-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, il-promozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija u kuntratti għad-differenza, u li jitkompla l-enfasi fuq l-għoti ta' permessi, inkluż fl-industrija.

Biex jinħolqu **swieq ewlenin b'saħħithom** għal teknoloġiji nodfa u prodotti dekarbonizzati Ewropej, huma meħtieġa miżuri konkreti kemm min-naħa tal-provvista kif ukoll min-naħa tad-domanda. Il-ġestjoni industrijali tal-karbonju tista' tgħin fid-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi ta' produzzjoni f'setturi industrijali li huma importanti għall-ekonomija Ewropea, u dan jikkomplementa sforzi oħra ta' dekarbonizzazzjoni. L-UE diġà għandha diversi politiki stabbiliti biex tappoġġa l-qbid ta' CO₂, fosthom id-Direttiva ETS⁵ u d-Direttiva CCS⁶. Barra minn hekk, biex jiġu aċċellerati l-proġetti tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju, l-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti⁷ jistabbilixxi objettiv fil-livell tal-UE li tintlaħaq kapacià ta' ħżin annwali ta' 50 miljun tunnellata ta' CO₂ sal-2030. Barra minn hekk, billi jistabbilixxi kriterji tal-kwalità tal-UE u jstipula proċessi ta' monitoraġġ u rappurtar, ir-Regolament CRCF⁸ huwa mistenni li jinċentiva l-investiment f'teknoloġiji innovattivi tal-assorbiment tal-karbonju. Madankollu, l-UE ser ikollha bżonn iżżid b'mod sinifikanti l-isforzi biex taħsad il-potenzjal sħiħ tat-teknoloġiji industrijali tal-assorbiment tal-karbonju.

⁴ Dok. 6601/25.

⁵ Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

⁶ Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

⁷ Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet żero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (ĠU L, 2024/1735, 28.6.2024).

⁸ Ir-Regolament (UE) 2024/3012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi qafas ta' ċertifikazzjoni tal-Unjoni għall-assorbiment permanenti tal-karbonju, il-kultivazzjoni karbonika u l-ħżin tal-karbonju fil-prodotti (ĠU L, 2024/3012, 6.12.2024).

L-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Ġestjoni Industrijali tal-Karbonju⁹ mistennija tiffaċilita l-iżvilupp ta' **suq għall-assorbimenti tal-karbonju maqbud u tal-karbonju permanenti** u tappoġġa l-użu tal-karbonju maqbud f'f'irxa usa' ta' prodotti. L-Att għall-Aċċelleratur tad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali imminenti ser jipproponi tikketta volontarja tal-intensità tal-karbonju għall-prodotti industrijali, l-ewwel wiehied l-azzar. Flimkien mar-rieżami tal-Qafas tal-Akkwist Pubbliku, ser jipproponi wkoll kriterji speċifiċi bl-għan li jżidu d-domanda tas-suq għal prodotti dekarbonizzati bi kriterji ta' preferenza Ewropej. Il-Kummissjoni ser tibda wkoll taħdem fuq is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-**metodoloġiji tal-kontabbiltà tal-karbonju** biex tappoġġa l-iżvilupp ta' prodotti nodfa.

It-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tirrikjedi **investiment sinifikanti**, u minbarra l-finanzjament minn sorsi pubbliċi, il-mobilizzazzjoni tal-kapital privat ser tkun kruċjali. Il-Kummissjoni ser tippromovi l-istabbiliment ta' Bank għad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali bl-għan li jimmobilizza €100 biljun, abbażi ta' finanzjament minn riżorsi eżistenti tal-Fond għall-Innovazzjoni u dħul addizzjonali minn partijiet tal-ETS, u ingranat minn InvestEU u minn riżorsi volontarji tal-Istati Membri. Ser ikun ibbażat fuq għażla kompetittiva, inkluż permezz ta' kuntratti għad-differenza għall-karbonju, filwaqt li jiżgura distribuzzjoni ġusta tal-appoġġ fost l-Istati Membri.

Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri (CBAM) effettiv huwa primordjali biex **l-industriji tal-UE koperti mill-EU ETS ikunu protetti** minn kompetizzjoni inġusta u għall-iżgurar ta' **kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ekwivalenti fil-livell dinji**, filwaqt li **jincéntiva l-ipprezzar globali tal-karbonju**. Il-proposta għal Regolament li jissimplifika u jsaħħaħ il-Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntieri¹⁰ ser tiġi segwita aktar tard fl-2025 permezz ta' rieżami komprensiv tal-funzjonament tas-CBAM, li ser jivvaluta jekk għandux jiġi estiż għal setturi addizzjonali u prodotti downstream u jqis il-kwistjoni tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju fil-merkanzija esportata.

L-oġġettiv tas-CID li tinkiseb id-dekarbonizzazzjoni filwaqt li tissaħħaħ il-kompetittività jirrikjedi li tiġi żgurata l-**prevedibbiltà regolatorja għall-industriji**. Għalhekk, l-UE trid tiżgura li l-istrumenti, ir-regoli u l-finanzjament ambjentali jitfasslu u jiġu riveduti sew b'mod li jkun prevedibbli għall-industriji Ewropej, sabiex l-investimenti jiġu protetti u jkun jista' jsir ippjanar tan-negozju fit-tul.

⁹ Dok. 6306/24.

¹⁰ Dok. 6609/25.

Ċirkolarità fil-qalba tad-dekarbonizzazzjoni

It-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari mhux biss iġġib benefiċċji ambjentali u tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni, iżda tista' **tnaqqas ukoll id-dipendenza tal-UE** fuq fornituri esterni ta' materja prima u ttejjeb l-affordabbiltà u l-aċċessibbiltà ta' materjali essenzzjali. Is-settur tar-riċiklaġġ u tal-manifattura mill-ġdid fl-Ewropa qed jikber malajr: huwa stmat li l-potenzjal ċirkolari tas-suq tal-manifattura mill-ġdid Ewropew ser jikber mill-valur attwali tiegħu ta' EUR 31 biljun fl-2022 għal EUR 100 biljun sal-2030, filwaqt li joħloq 500 000 impjieg ġdid.

Reċentement ġie stabbilit qafas regolatorju wiesa' biex tingħata spinta liċ-ċirkolarità u tiġi ffaċilitata l-ġestjoni tal-iskart bħala riżorsa fl-Ewropa. Ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli¹¹ għandu l-għan li jtejjeb iċ-ċirkolarità, ir-rendiment fl-użu tal-enerġija, ir-riċiklabbiltà u d-durabbiltà tal-prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE billi jistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn, potenzjalment għal kważi l-prodotti fiżiċi kollha. Barra minn hekk, il-leġiżlazzjoni reċenti speċifika għal ċerti prodotti, inkluż ir-Regolament dwar il-Batteriji¹² u r-Regolament dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ¹³, stabbiliet miri obbligatorji għall-kontenut riċiklat għal diversi materjali, filwaqt li żgurat ukoll li l-prodotti mqiegħda fis-suq tal-UE jkunu riċiklabbli ħafna. Fl-aħħar nett, l-Att dwar il-Materja Prima Kritika¹⁴ fih miżuri għat-titjib tal-ġbir u r-riċiklaġġ tal-iskart li fih ħafna materja prima kritika. Dan huwa kkomplementat mir-reviżjoni reċenti tar-Regolament dwar Vjeġġi ta' Skart¹⁵, li għandu l-għan li jiffaċilita b'mod sinifikanti t-trasport ta' skart destinat għar-riċiklaġġ fl-UE filwaqt li jirrestrinġi l-esportazzjoni tal-iskart barra mill-OECD sabiex jiġi evitat it-telf ta' materjali sekondarji ta' valur.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2024/1781 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 li jistabbilixxi qafas għall-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli, li jemenda d-Direttiva (UE) 2020/1828 u r-Regolament (UE) 2023/1542 u li jħassar id-Direttiva 2009/125/KE.

¹² Ir-Regolament (UE) 2023/1542 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-batteriji u l-iskart ta' batteriji, li jemenda d-Direttiva 2008/98/KE u r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar id-Direttiva 2006/66/KE.

¹³ Ir-Regolament (UE) 2025/40 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2024 dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE.

¹⁴ Ir-Regolament (UE) 2024/1252 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li jistabbilixxi qafas li jiżgura provvista sigura u sostenibbli tal-materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 168/2013, (UE) 2018/858, (UE) 2018/1724 u (UE) 2019/1020.

¹⁵ Ir-Regolament (UE) 2024/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar vjeġġi ta' skart, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1257/2013 u (UE) 2020/1056 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006.

Madankollu, it-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari għadha mxejjla minn **restrinġimenti fis-swieq għall-prodotti u l-materjali ċirkolari**. Għalhekk jeħtieġ li s-suq jiġi stimulat billi tingħata spinta kemm lill-provvista ta' materjali riċiklati ta' kwalità kif ukoll lid-domanda għal materja prima sekondarja. Il-Kummissjoni tipproponi, fis-CID, li tindirizza din il-kwistjoni permezz ta' taħlita ta' miżuri leġiżlattivi — l-adozzjoni ta' Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari – u inizjattivi oħra bħall-istabbiliment ta' Ċentru għall-Materja Prima Kritika u Hubs għaċ-Ċirkolarità Transreġjonali.

Mistoqsijiet lill-ministri:

- Taħseb li l-azzjonijiet proposti fil-Patt għal Industrija Nadifa jistgħu jappoġġaw biżżejjed lill-industriji tal-UE biex jibqgħu kompetittivi u jgħaddu minn tranżizzjoni lejn emissjonijiet zero netti? Tara li hemm bżonn xi azzjonijiet addizzjonali?
- X'taħseb li huwa l-kontribut li l-Fond għall-Innovazzjoni u l-Bank għad-Dekarbonizzazzjoni Industrijali previst jistgħu jipprovdu għal dawk l-oġettivi?
- Liema sfidi u ostakli għad hemm fit-triq lejn ekonomija Ewropea ċirkolari? Hemm lakuni fil-leġiżlazzjoni li għandhom jiġu indirizzati biex jiżdiedu l-użu mill-ġdid, il-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ, u sabiex jinholq suq b'saħħtu għall-prodotti u l-materjali sekondarji?